# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Eman Hayman]**

**vs**

**Gilbert Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 242/2022**

**Illum, 15 ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gilbert Borg, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 289174M akkuzat talli nhar is-17/02/2022 fil-hinijiet ta' bejn 2PM u 3PM gewwa Siggiewi

1. Bil-hsieb li jwegga lil hu il-mara Etienne Bugeja, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt b'tentattiv li jigu kagunati feriti gravi fuq persunta, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u 'ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Etienne Bugeja f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq persunta, hekk kif iccertifikat Dr. Lara Azzopardi (Med Reg 4543);

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Etienne Bugeja jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Gilbert Borg billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u, jew torbot lil Gilbert Borg b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jasmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 6 ta' Mejju 2022 fejn inghata l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha b'mod partikolari tal-parte civile Etienne Bugeja fejn fil-prezenza tal-avukat tieghu ddikjara illi ma xtaqx jixhed fil-konfront tal-imputat anke peress li kellu proceduri kriminali pendenti kontrih kif ukoll li kien qed jirrinunzja ghal dak li kien rinunzjabbli;

Semghet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' **Dr Lara Ivana Azzopardi** li kkonfermat certifikat mediku mahrug

minnha[1] fejn fis-17 ta' Frar 2022 ghas-sitta u nofs ta' filghaxija ezaminat lil Etienne Bugeja fejn irrizulta illi l-griehi li kien qed isofri kienu ta' natura hafifa.

Semghet ukoll lill-ufficjal prosekutur ossija l-**Ispettur Eman Hayman** fejn ikkonferma li dan l-incident kien origina minhabba argumenti familjari mal-ex mara tal-parte civile u fejn l-imputat kien jigi hu l-mara tal-istess u dan minhabba l-fatt illi kien hemm proceduri ta' separazzjoni bejn it-tnejn. Jghid illi wara telefonata li saret bejn l-imputat u l-parte civile dan tal-ahhar mar jitkellem mieghu fir-restorant tieghu f'Ghar Lapsi u minn hemmhekk inqala' argument bejn it-tnejn. Jghid illi minn filmat tal-post[2] jidher li l-parte civile mar ghall-imputat u ghamillu gest qisu biex jaffrontah u meta resaq l-imputat hdejh u qamet taqbida bejn it-tnejn. Jghid illi peress li l-imputat huwa persuna kbira aktar mill-parte civile dan garrab xi griehi. Jghid illi kien il-parte civile li mar jaffronta lill-imputat l-ewwel.

## Ikkunsidrat

[1] Dok. EH4.
[2] Dok. EH9.

Illi dawn il-proceduri emanaw minn rapport li sar mill-parte civile stess izda fejn huwa car illi l-prosekuzzjoni qatt ma kienet konvinta verament mill-kolpevolezza tieghu. Dan jixhed bic-car in-nuqqas ta' provi li ngabu mill-istess prosekuzzjoni u dan kif xehed l-ufficjal prosekutur li hareg mill-filmat esebit fl-atti li juri b'mod car u inekwivoku li kien il-parte civile li mar jaffronta lill-imputat mhux vice versa.

Illi di più, sa mill-bidu tal-proceduri l-istess parte civile ma xtaqx jixhed f'dawn il-proceduri sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu kif ukoll li xtaq jirrinunzja ghal dak li kien rinunzjabbli. Maghdud ma' dan, l-istess filmat li seta' kien l-ahjar prova li jaghti stampa cara tal-incident, ma giex ikkonfermat mill-ebda persuna ghall-awtenticità tieghu u ghalhekk tali prova ma tistax tkun ammissibbli fil-kamp kriminali. Oltre' minn hekk m'hemm l-ebda prova li tista' tikkorrabora l-verzjoni li kien ta l-parte civile meta mar biex jaghmel ir-rapport.

Ghal dawn il-motivi l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Ghal dawn il-motivi mhux qed issib lill-imputat **Gilbert Borg** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**